C/2024/1349

5.2.2024

Avviż għall-attenzjoni tal-persuna fiżika u l-entità soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/254, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/457; u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/287, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/455 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala

(C/2024/1349)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuna u l-entità li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/254 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/457 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2024/287 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/455 ([4]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuna u l-entità li jidhru fl-Annessi msemmija hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 u fir-Regolament (UE) 2024/287 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala. Ir-raġunijiet għad-deżinjazzjoni tal-persuna u l-entità kkonċernati jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni ta' dik il-persuna u l-entità għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/287, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw il-fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuna u l-entità kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej sal-1 ta' Settembru 2024:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu

Qiegħda tingħibed ukoll l-attenzjoni tal-persuna u l-entità kkonċernati għall-possibbiltà li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L, 2024/254, 15.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/254/oj
([2]) ĠU L, 2024/457, 2.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/457/oj
([3]) ĠU L, 2024/287, 15.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/287/oj
([4]) ĠU L, 2024/455, 2.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/455/oj